MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2007

Numru. 1265/2006

Il-Pulizija
(Spettur Ian Joseph Abdilla)

vs

Mark Anthony Mercieca

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Mark Anthony Mercieca ta' 31 sena, bin Henry u Theresa nee' Borg, imwieled Attard fis-27 ta' Novembru, 1974 u li joqghod f' Numru 62, Triq l-Isqof Portelli, Pembroke, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 10975M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fis-27 ta' Ottubru, 2006 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-gzejjer,

b'diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,

a) iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta' industrija, jew, xjentement, ghamel uzu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid; jew

b) ghamel uzu, xjentement ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema; jew

c) xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b'qerq; u cioe diversi CDs, DVD films u loghob tal-Playstation. (dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, u 298 (1) (a), (c), u (f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

2. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkustanzi, ghal qligh, jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha. (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, u 298B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabilita mill-ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti nkluza l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat u mmarkata bhala Dok. JA5.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tat-28 ta’ Dicembru, 2006. Din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453 (1) tal-Kap 9, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali ta’ l-1 ta’ Dicembru, 2006 fejn huwa ta l-kunsens tieghu sabiex il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja u rat li l-imputat waqt li kien qed isirlu l-ezami wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha sureferita.

Wara li rat l-Artikoli 7 (h), 18, 298 (1) (a), (c) u (f) u 298 B tal-Kap 9 issib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b’applikazjoni ta’ l-Artikolu 22 (1) tal-Kap 446 tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sena millum u tikkundannah ihallas multa ta’ LM100.

Il-Qorti qed tordna l-konfiska u d-distruzzjoni ta’ l-oggetti kollha formalment esebiti fis-seduta tat-28 ta’ Dicembru, 2006 u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba maghmula mill-prosekuzzjoni ai termini ta’ l-Art. 533 tal-Kap 9 stante li ma gewx mahtura esperti f’dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------